# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 544/2016 SM**

**AGP Systems Limited**
**(C-17009)**

**vs.**

**A.L. Projects Ltd**
**(C-12622)**
**(maghrufa precedentement bhala**
**Auntie Lucy Limited)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat is-6 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' tlieta u tletin elf seba' mija hamsa u hamsin euro u wiehed u tmenin centezmu, (€33,755.81), bilanc minn somma akbar ghal materjal mibjugh u kkonsenjat fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta` intimata, (ara foll 5);

1.2. Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut, din baqghet inadempjenti;

1.3. Illi f'Marzu, 2016, intlahaq ftehim verbali bejn rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti li permezz tieghu qablu fuq il-modalita` tal-hlas tal-bilanc dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti;

1.4. Illi minkejja l-ftehim indikat fil-paragrafu precedenti, l-pagament daparti tas-socjeta` intimata baqa' ma' sehhx;

1.5. Illi l-ammont hekk dovut hu cert, likwidu u dovut, u s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda risposta xi tressaq ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

1.6. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex din:

1.6.1. Tiddeciedi din il-procedura bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata li thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' tlieta u tletin elf seba' mija hamsa u hamsin euro u wiehed u tmenin centezmu, (€33,755.81), bilanc minn somma akbar ghal materjal mibjugh u kkonsenjat fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta` intimata;

1.6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax legali dovut kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta’ Lulju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 7);

3. Rat in-nota t’ammissjoni tas-socjeta` intimata datata t-12 t’Ottubru 2016, (ara foll 13);

Ikkunsidrat:

4.0. Illi in vista tal-ammissjoni indikata fil-paragrafu precedenti, s-socjeta` rikorrenti allura ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentment:

**DECIDE:**

4.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ tlieta u tletin elf seba’ mija hamsa u hamsin euro u wiehed u tmenin centezmu, (€33,755.81), bilanc minn somma akbar kif fuq indikat;

4.2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dovuti kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, dan tal-ahhar dekorribbli mill-5 t’April, 2016, data tal-ittra ufficjali *de quo*, sad-data tal-effettiv pagament.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**